IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.3.2018
COM(2018) 149 final

2018/0074 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-ħut fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1139 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-Baħar Baltiku, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) 509/2007 u (KE) 1300/2008**

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

Is-sajd fl-Ilmijiet tal-Majjistral u ż-żoni ta' maġenbhom huwa kumpless ferm, u jinvolvi bastimenti minn tal-inqas seba' Stati Membri kostali li jużaw varjetà kbira ta' rkapti differenti li jistadu għal medda wiesgħa ta' speċijiet differenti ta' ħut u ta' frott tal-baħar bil-qoxra. Kwistjoni ewlenija hija li ħafna mill-iktar stokkijiet tal-ħut demersali importanti (jiġifieri dawk li jgħixu fil-qiegħ tal-baħar jew qribu) jinqabdu fis-sajd imħallat. Fil-prattika, dan ifisser li kull darba li bastiment jiġbed l-irkaptu tiegħu, il-qabda tiegħu tkun tikkonsisti minn taħlita ta' speċijiet differenti. Il-kompożizzjoni ta' din it-taħlita tinbidel skont it-tip ta' rkaptu li jintuża, u skont meta u fejn jintuża.

Dan ifisser li l-bastimenti li jaqbdu stokkijiet tal-ħut soġġetti għall-qabdiet totali permissibbli (TACs) jeħtieġ li jieqfu jistadu ladarba l-kwota tagħhom għal dak l-istokk tkun ġiet eżawrita. Qabel l-adozzjoni tar-Regolament 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd[1] (ir-Regolament Bażiku) il-bastimenti ma kellhomx bilfors jieqfu jistadu meta tkun ġiet eżawrita l-kwota tagħhom għal waħda minn dawn l-ispeċijiet. Kienu jistgħu jkomplu jistadu għall-ispeċijiet fil-mira l-oħrajn u b'hekk kienu jibqgħu jaqbdu l-ispeċijiet li diġà kienu nqabżu l-kwoti tagħhom minkejja li ma setgħux legalment iħottu dawn il-qabdiet l-art. Dawn il-qabdiet f'eċċess tal-kwota kien ikollhom jiġu skartati.

Bl-introduzzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art mir-Regolament Bażiku, ladarba jiġi implimentat bis-sħiħ, huwa illegali li jiġu skartati l-qabdiet li jaqbżu l-kwota. Għaldaqstant, il-bastimenti jista' jkollhom jieqfu jistadu kmieni fis-sena ladarba tiġi eżawrita l-kwota tagħhom għall-iktar stokk limitat. F'dan il-każ l-iktar stokk limitat isir dak li hu magħruf bħala l-ispeċi "choke" għaliex, ladarba l-kwota għal dak l-istokk tkun ġiet eżawrita, din twaqqaf il-possibbiltà li jsir sajd għal stokkijiet oħrajn. Għalhekk, ikun tajjeb li meta jiġu stabbiliti l-qabdiet totali permissibbli għal dawn l-istokkijiet jitqies il-fatt li xi stokkijiet jinqabdu flimkien f'sajd imħallat. Dan l-approċċ jeħtieġ li jkollu vantaġġi kemm għall-konservazzjoni tal-istokkijiet kif ukoll għall-isfruttament tagħhom. Din il-proposta tieħu dan l-approċċ.

Ir-Regolament Bażiku għandu l-għan li jsolvi l-problemi tas-sajd eċċessiv u l-iskartar tal-ħut b'mod aktar effettiv mil-leġiżlazzjoni preċedenti. Madankollu, mingħajr leġiżlazzjoni addizzjonali, ir-Regolament Bażiku jista' jwassal għal utilizzazzjoni insuffiċjenti tal-kwoti fis-sajd imħallat tal-Ilmijiet tal-Punent u ma jippermetti l-ebda eżenzjoni mill-obbligu ta' ħatt l-art li għandu jiġi adottat wara li jkunu skadew il-pjanijiet ta' skartar fuq tliet snin.

Fid-dawl tal-interazzjonijiet tas-sajd imħallat fis-sajd demersali fl-Ilmijiet tal-Punent, ikun tajjeb li l-opportunitajiet tas-sajd jiġu ġestiti mill-perspettiva tas-sajd imħallat, li minħabba l-avvanzi xjentifiċi riċenti, issa hija disponibbli. Approċċ bħal dan ikun ukoll konsistenti mal-approċċ tal-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd. L-ewwel pass lejn ġestjoni adattiva bħal din ikun li l-istokkijiet rilevanti kollha jiġu inkorporati fi pjan ta' ġestjoni wieħed. Dan ikun jinkludi l-miri tal-mortalitajiet mis-sajd espressi f'meded għal kull wieħed mill-istokkijiet, fejn ikunu disponibbli, li jkun il-bażi għall-istabbiliment tal-qabdiet totali permissibbli annwali għal dawk l-istokkijiet. Dan jippermetti flessibbiltà fl-istabbiliment tal-qabdiet totali permissibbli li jgħin biex jissolvew id-diffikultajiet li jitqajmu fil-kuntest tas-sajd imħallat.

[1] ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22

Barra minn hekk, il-pjan ikun jinkorpora fih miżuri ta' salvagwardja li jagħtu qafas sabiex jiġu ripristinati l-istokkijiet meta dawn jaqgħu taħt il-limiti bijoloġiċi sikuri.

L-għan tal-proposta huwa li jiġi stabbilit pjan ta' ġestjoni għall-istokkijiet tal-ħut demersali, li jinkludu l-istokkijiet tal-baħar fond, u s-sajd tagħhom fl-Ilmijiet tal-Punent. Dan il-pjan se jiżgura l-isfruttar sostenibbli ta' dawn l-istokkijiet, billi jiżgura li jiġu sfruttati b'mod sostenibbli skont il-prinċipji tar-rendiment massimu sostenibbli (MSY) u tal-approċċi tal-ekosistema u ta' prekawzjoni għall-ġestjoni tas-sajd. Il-pjan se jipprovdi l-istabbiltà tal-opportunitajiet tas-sajd, filwaqt li jiżgura li l-ġestjoni tkun ibbażata fuq l-aktar informazzjoni xjentifika aġġornata dwar l-istokkijiet, is-sajd imħallat u aspetti oħra tal-ekosistema u l-ambjent. Il-pjan jiffaċilita wkoll l-introduzzjoni ta' obbligu ta' ħatt l-art.

L-istokkijiet li jiddeterminaw l-imġiba tas-sajjieda u li huma ekonomikament importanti għandhom jiġu ġestiti skont il-meded tal-$F_{MSY}$. B'konsegwenza ta' dan, madwar 95 % ta' ħatt l-art fl-Ilmijiet tal-Punent f'termini ta' volum se jiġu ġestiti skont ir-rendiment massimu sostenibbli. Għall-bqija, jiġifieri l-istokkijiet li jinqabdu l-aktar bħala qabda inċidentali, għandhom ikunu ġestiti skont l-approċċ ta' prekawzjoni.

Il-proposta mhijiex inizjattiva fil-qafas tal-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT). Madankollu, din tikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni. Qed jiġi propost li l-ħames pjanijiet pluriennali eżistenti bbażati fuq l-ispeċijiet uniċi adottati minn regolamenti separati jiġu ssostitwiti billi l-pjanijiet pluriennali kollha għall-istokkijiet tal-ħut demersali differenti jinġabru f'regolament wieħed. Il-ħames pjanijiet eżistenti għall-ispeċijiet uniċi huma dawn li ġejjin:

1. Il-pjan pluriennali għall-istokk tal-aringa li jinsab fil-Punent tal-Iskozja u għas-sajd li jisfrutta dak l-istokk (ir-Regolament (KE) Nru 1300/2008);
2. Il-pjan pluriennali għal-lingwata fil-Kanal tal-Punent (ir-Regolament (KE) Nru 509/2007);
3. Il-pjan pluriennali għal-lingwata fil-Bajja ta' Biskajja (ir-Regolament (KE) Nru 388/2006);
4. Il-pjan ta' rkupru għall-istokk tal-merluzz tat-Tramuntana (ir-Regolament (KE) Nru 811/2004);
5. Il-pjan ta' rkupru għall-merluzz u għall-iskampu fil-Peniżola Iberika (ir-Regolament (KE) Nru 2166/2005).

L-introduzzjoni ta' dan l-approċċ ġdid tippermetti li jintlaħqu l-miri tal-konservazzjoni filwaqt li, fl-istess ħin, jippermettu l-eliminazzjoni tal-limitazzjonijiet fuq l-isforzi tas-sajd, li jfisser li bosta obbligi ta' rappurtar u ta' kontroll ma jkunux meħtieġa. Dan jirriżulta fi tnaqqis sinifikanti tal-piż amministrattiv.

Il-pjan se japplika għall-bastimenti tas-sajd kollha tal-Unjoni, ikun xi jkun it-tul ġenerali tagħhom, fl-Ilmijiet tal-Punent billi jikkonforma mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (il-PKS) u mal-effett tal-bastimenti fuq l-istokkijiet tal-ħut ikkonċernati.

Mill-1 ta' Jannar 2014 ir-Regolament Bażiku jistabbilixxi r-regoli tal-PKS, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar il-pjanijiet pluriennali, li jistabbilixxu l-obbligu ta' ħatt l-art għall-istokkijiet soġġetti għall-qabdiet totali permissibbli u l-hekk imsejħa reġjonalizzazzjoni. Dawn id-dispożizzjonijiet ġew riflessi fil-pjan kif ġej:

- Bi qbil mal-prinċipji u l-miri tal-pjanijiet pluriennali stipulati fl-Artikolu 9 tar-Regolament Bażiku, il-pjan huwa għas-sajd imħallat, iffukat primarjament fuq l-għan tar-rendiment massimu sostenibbli (MSY);

- l-Artikolu 10 tar-Regolament Bażiku jelenka l-kontenut tal-pjanijiet pluriennali li jirreferi għall-miri kwantifikabbli. F'dan il-pjan, il-miri li jikkorrispondu mar-rendiment massimu sostenibbli huma espressi bħala valuri tal-meded irrakkomandati mill-ICES. Dawn il-meded jippermettu ġestjoni bbażata fuq ir-rendiment massimu sostenibbli għal dawn l-istokkijiet, filwaqt li fl-istess ħin jinżamm livell għoli ta' prevedibbiltà. Dawn il-miri huma ssupplimentati b'dispożizzjonijiet ta' salvagwardja marbutin ma'punt ta' referenza ta' limitu għall-konservazzjoni. Għall-istokkijiet tal-ħut li huma disponibbli, dawn il-punti ta' referenza huma espressi bħala bijomassa ta' stokk riproduttiv, li tinkiseb mill-ICES, normalment permezz tal-eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva tagħhom. Bl-istess mod, għal ċerti unitajiet funzjonali tal-iskampu dawn il-punti ta' referenza huma espressi bħala abbundanza, meta disponibbli. Fin-nuqqas ta' pariri dwar il-livell tal-bijomassa riproduttiva jew dwar il-livell ta' abbundanza, tali limitu jeħtieġ li jikkorrispondi mal-mument li fih il-parir xjentifiku jindika li xi stokk huwa mhedded. Ġie segwit l-istess approċċ biex jiġu ddeterminati l-għanijiet, il-miri u s-salvagwardji tal-pjan u biex jiġi implimentat l-obbligu ta' ħatt l-art kif ġie adottat reċentament fir-Regolament (UE) Nru 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007[2];
- Skont l-Artikolu 15 tar-Regolament Bażiku, l-obbligu ta' ħatt l-art fl-Ilmijiet tal-Punent japplika għall-ispeċijiet pelaġiċi mill-2015, għal ċertu sajd u speċijiet demersali li jiddefinixxu s-sajd mill-2016, u għall-ispeċijiet l-oħra kollha li se jkunu soġġetti għal-limiti tal-qbid mill-1 ta' Jannar 2019. B'konformità mal-Artikolu 16(7) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-Istati Membri huma obbligati jallokaw il-qabdiet totali permissibbli għall-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom waqt li jqisu l-kompożizzjoni probabbli tal-qbid u l-obbligu li l-qabdiet kollha jinħattu l-art. Biex dan jinkiseb, l-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri nazzjonali, bħaż-żamma ta' ċerti riżervi tal-qabda totali permissibbli nazzjonali disponibbli jew it-tpartit ta' kwoti ma' Stati Membri oħrajn;
- Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Bażiku, l-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett jistgħu jissottomettu rakkomandazzjonijiet konġunti, fost l-oħrajn, għal ċerti miżuri li jridu jiġu adottati, filwaqt li l-Kummissjoni tkun ingħatat is-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni jew atti delegati biex jinkisbu l-għanijiet ta' pjan pluriennali. Għal dan il-għan, il-pjan jistabbilixxi kooperazzjoni reġjonali fost l-Istati Membri fir-rigward tal-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet għall-obbligu ta' ħatt l-art u miżuri speċifiċi ta' konservazzjoni għal ċerti stokkijiet.

B'konformità mal-parir xjentifiku mill-STECF, il-pjan ma jinkludix limiti annwali fuq l-isforz tas-sajd (in-numru ta' ġranet fuq il-baħar). Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu limiti massimi tal-kapaċità f'livell nazzjonali.

- **•Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti f'dan il-qasam ta' politika**

Il-proposta tal-Kummissjoni hija konsistenti mal-qafas legali eżistenti tal-ġestjoni tas-sajd fl-ilmijiet tal-Punent:

- Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti

[2] ĠU L 191, 15.7.2016, p. 1.

tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 204/585/KE[1] jistabbilixxi l-qafas ġenerali għal-PKS u jidentifika s-sitwazzjonijiet li fihom il-Kunsill u l-Parlament għandhom jadottaw pjanijiet pluriennali.

- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 tat-30 ta' Marzu 1998 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar[3] jiddeskrivi miżuri tekniċi tal-konservazzjoni, jiġifieri r-regoli dwar il-kompożizzjoni tal-qbid, id-daqs minimu tal-malja, id-daqs minimu ta' ħatt l-art, iż-żoni magħluqa u l-istaġuni magħluqa għal ċertu sajd. Jistabbilixxi wkoll limitazzjoni fuq l-għażel tat-tisqif. Fil-preżent, dan qed jiġi eżaminat u se jiġi ssostitwit jekk tiġi adottata l-Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1343/2011 u (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005[4].

- Ir-Regolamenti tal-Kunsill ta' kull sena li jiffissaw l-opportunitajiet tas-sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati li japplikaw fl-Ilmijiet tal-Punent għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, stabbilixxew il-livelli tal-qabdiet totali permissibbli għall-istokkijiet ikkonċernati (l-iktar wieħed riċenti u attwalment vinkolanti huwa r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/120 tat-23 ta' Jannar 2018 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2018 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni[5]).

- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006[6] (minn hawn 'il quddiem ir-Regolament tal-Kunsill 1224/2009) jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali għall-kontroll tas-sajd kif ukoll rekwiżiti speċifiċi ta' kontroll għall-pjanijiet pluriennali.

- Il-Kummissjoni qiegħda tipproponi li tapplika referenzi dinamiċi għall-meded tal-$F_{MSY}$ u għall-punti ta' referenza dwar il-konservazzjoni mogħtija. Dan l-approċċ jiggarantixxi li dawn il-parametri, li huma essenzjali biex jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd, ma jiġux ma għadhomx jgħoddu u li l-Kunsill ikun jista' dejjem juża l-aħjar parir xjentifiku disponibbli. Barra minn hekk, l-istess approċċ li jipprovdi referenzi dinamiċi, skont l-aħjar parir xjentifiku disponibbli, għandu jiġi segwit għall-ġestjoni tal-istokkijiet fil-Baħar Baltiku. Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2016/1139 jiġi emendat.

3 ĠU L 125, 27.4.1998, p. 1.
4 COM/2016/0134 final - 2016/074 (COD)
5 ĠU L 27, 31.01.2018, p. 1.
6 ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

- **•Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta u l-għanijiet tagħha huma konsistenti mal-politiki tal-Unjoni, speċjalment il-politiki ambjentali, dawk soċjali, tas-suq u dawk kummerċjali.

## 2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

- **Il-bażi ġuridika**

L-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Id-dispożizzjonijiet tal-proposta jikkonċernaw il-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, miżuri fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Konsegwentement, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-miżuri proposti jikkonformaw mal-prinċipju tal-proporzjonalità billi huma xierqa u meħtieġa, filwaqt li ma hemmx miżuri inqas restrittivi oħrajn disponibbli biex jintlaħqu l-għanijiet mixtieqa tal-politika.

- **L-għażla tal-istrument**

L-istrument propost: Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

## 3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATTI

Il-konsultazzjoni saret f'livelli differenti, u inkludiet il-partijiet ikkonċernati, ix-xjenzati, is-servizzi pubbliċi (fosthom l-amministrazzjonijiet pubbliċi) u s-servizzi tal-Kummissjoni. Dan segwa proċess sħiħ ta' evalwazzjoni, li ġie stabbilit biex il-kompiti u l-mistoqsijiet oriġinali li jridu jiġu indirizzati ġew speċifikati mill-Kummissjoni, iżda l-input ewlieni fil-passi kollha kien tax-xjenzati u ta' esperti oħrajn, u tal-partijiet ikkonċernati li kienu involuti bis-sħiħ tul il-proċess kollu.

- **Il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati kienu mmirati permezz ta' konsultazzjonijiet mal-Kunsill Konsultattiv Reġjonali għall-Ilmijiet tal-Majjistral u mal-Kunsill Konsultattiv għall-Ilmijiet tal-Lbiċ. Il-kunsilli konsultattivi huma organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati, stabbiliti bir-riforma preċedenti tal-PKS fl-2002, li jġibu flimkien l-industrija (is-setturi tas-sajd, tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni) u gruppi ta' interess oħra, bħall-organizzazzjonijiet ambjentali u tal-konsumaturi. Il-kunsilli konsultattivi huma organizzati skont il-baċiri tal-baħar u l-kunsilli konsultattivi msemmija hawn fuq jagħtu l-pariri dwar is-sajd fiż-żona ġeografika fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-Proposta.

Bejn it-22 ta' Mejju u l-15 ta' Settembru 2015 twettqet konsultazzjoni pubblika fuq l-internet li laħqet ħafna parteċipanti[7]. Wasal total ta' 28 kontribut iddettaljat mingħand l-Istati Membri, il-kunsilli konsultattivi, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-industrija, NGOs u l-pubbliku ġenerali. Il-konklużjonijiet ewlenin kienu dawn li ġejjin:

---

7 https://ec.europa.eu/info/consultations/multi-annual-plans-western-eu-waters_mt

- Il-problema prinċipali kienet il-fatt li l-istokkijiet għadhom mhumiex fil-livell tar-rendiment massimu sostenibbli (MSY) u b'hekk l-industrija ma tistax tgawdi bis-sħiħ il-benefiċċji tas-sajd sostenibbli, u l-fatt li l-pjanijiet pluriennali attwali mhumiex biżżejjed biex tintuża miżura ta' ġestjoni tal-PKS il-ġdida;
- Hemm ħtieġa li l-Unjoni Ewropea tieħu azzjoni, u dan huwa wkoll obbligu skont it-Trattat, iżda din għandha ssir b'kollaborazzjoni mas-settur tas-sajd;
- Hemm preferenza qawwija għal approċċ proattiv pluriennali minflok wieħed reattiv annwali. Madankollu, xorta jista' jkun meħtieġ approċċ reattiv jekk jinbidlu ċ-ċirkostanzi;
- Jenħtieġ qafas trasparenti u stabbli biex jinkiseb ir-rendiment massimu sostenibbli (MSY) biex ikun hemm qafas legali għall-implimentazzjoni fit-tul tal-obbligu ta' ħatt l-art u għall-implimentazzjoni ta' approċċ reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd. Xi kummenti ssuġġerew li l-ambitu għandu jkun usa' u jinkludi għanijiet ambjentali;
- Jixraq li jiġi stabbilit qafas biex l-ispeċijiet ewlenin jiġu ġestiti b'mod konsistenti bi pjan ta' ġestjoni pluriennali. Dan jeħtieġ li jirrifletti l-kompożizzjoni tal-qabdiet u l-allokazzjoni tal-kwoti u jkun iqis il-ħtiġijiet marbutin ma' diversi speċijiet. Il-qafas għandu jkopri aktar speċijiet u mhux biss dawk prinċipali. Trid tinkiseb ukoll konsistenza mad-distribuzzjoni ġeografika bejn il-perspettivi mil-lat bijoloġiku u mil-lat tas-sajd;
- Meta tqiesu l-ispeċijiet li jridu jkunu koperti mill-pjan, kien hemm diviżjoni ċara bejn l-organizzazzjonijiet professjonali, li wrew preferenza li l-pjan jiffoka fuq l-ispeċijiet ewlenin tas-sajd prinċipali ttrattati fil-pjanijiet għall-iskartar li ilhom fis-seħħ mill-2016 (pereżempju l-bakkaljaw, il-merluzz, il-megrim, il-petriċa), filwaqt li l-organizzazzjonijiet mhux governattivi jippreferu firxa aktar wiesgħa ta' speċijiet li jinqabdu bħala speċi fil-mira jew bħala qabda aċċessorja.
- Il-ġestjoni tas-sajd għandha tqis l-ispeċifiċitajiet reġjonali u l-involviment aħjar tal-partijiet interessati; jenħtieġ li jkun applikat approċċ ta' prekawzjoni.

Fl-istess żmien ta' din il-konsultazzjoni pubblika, sar stħarriġ immirat li għamel mistoqsijiet aktar preċiżi u tekniċi. Dan kien indirizzat lill-kunsilli konsultattivi, lill-awtoritajiet tal-Istati Membri, lill-Kumitat PECH tal-Parlament Ewropew, u lill-Kummissjoni NAT tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

- **Ġbir u użu tal-kompetenzi**

Il-biċċa l-kbira tal-ħidma u tal-konsultazzjoni meħtieġa biex titwettaq evalwazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni eżistenti twettqet minn xjenzati li qed jaħdmu taħt l-awspiċji tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) u tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES), kif ukoll mill-Grupp ta' Valutazzjoni tar-Riżorsi tal-Baħar (MRAG) b'kuntratt qafas mal-Kummissjoni.

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

L-STECF, l-ICES u l-MRAG kienu kkonludew għadd ta' evalwazzjonijiet tal-pjanijiet ta' ġestjoni attwali għal speċi waħda qabel ir-riforma tal-PKS. Barra minn hekk, analiżi xjentifika tal-miżuri ta' ġestjoni fis-seħħ għaddejja l-ħin kollu.

Il-ħames pjanijiet ta' ġestjoni eżistenti ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-PKS u lanqas ir-rekwiżiti tal-konklużjonijiet tat-Task Force Interistituzzjonali[8] u ma jwasslux biex jintlaħqu l-għanijiet tal-PKS. L-evalwazzjonijiet tal-pjanijiet pluriennali attwali li għamlu l-Kumitat Xjentifiku Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) u l-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES)[9], ikkonkludew dan li ġej:

- Dwar il-pjan għall-aringi fil-Punent tal-Iskozja, il-parametru referenzjarju tal-2015 tal-ICES ikkonkluda li: "*ma kienx hemm pjan ta' prekawzjoni applikat għal stokkijiet ikkombinati. Il-valutazzjoni tal-aringi ta' 6aN u ta' 6aS/7bc flimkien ingħatat valur referenzjarju fl-2015. L-istokkijiet tqiesu flimkien għaliex mhuwiex possibbli li jiġu sseparati fil-qabdiet kummerċjali jew fl-istħarriġ*"[10];

- Dwar il-pjan għal-lingwata fil-Fliegu tal-Punent (ir-Regolament (KE) Nru 509/2007), fl-2014 l-STECF qal li "*ir-restrizzjoni fuq il-qabda totali permissibbli (TAC) hija l-uniku element effikaċi tal-pjan*". Barra minn hekk, l-STECF ikkonkluda li: "*Minħabba li s-sajd kollu f'din iż-żona jimmira għal ħafna speċijiet, l-STECF wera l-fehma li l-aħjar mod biex tinkiseb ġestjoni effiċjenti tas-sajd huwa permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' pjan reġjonali pluriennali għall-ġestjoni tas-sajd*", billi dan: *"jagħmel il-ġestjoni aktar effiċjenti u jevita problemi ta' żbilanċ fil-qabda totali permissibbli"*. Dwar il-limitazzjonijiet tal-isforz tas-sajd, l-STECF osserva li "*l-parti l-kbira tal-isforz tas-sajd (mogħtija bħala kW għall-jiem tas-sajd) skjerat fil-Fliegu tal-Punent huwa sforz lu mhuwiex qed jiġi rregolat mill-pjan ta' ġestjoni għal-lingwata*" *u "l-isforz preskritt fil-pjan ma kienx restrittiv għal ebda flotot*". Jekk l-isforz ikun ristrett "*jista' jiġri li l-bastimenti jerġgħu jibdew jistadu aktar qrib il-kosta, fejn l-ispejjeż tal-fjuwil huma aktar baxxi u hemm aktar abbundanza ta' lingwata. Kieku kellu jiġri hekk, jiżdied ukoll il-qbid ta' lingwata li ma tkunx għadha kibret għad-daqs massimu tagħha minħabba li jkun hemm aktar sforz tas-sajd f'żoni fejn jitrabbew il-ħut*[11]";

- Il-pjan għal-lingwata fil-Bajja ta' Biskajja (ir-Regolament (KE) Nru 388/2006) għandu l-għan li jerġa' jkabbar l-istokk, iżda ma ġiet stabbilita l-ebda mira fil-pjan biex jintlaħaq ir-rendiment massimu sostenibbli (MSY); Fl-2011 l-STECF ikkummenta li l-pjan "*jeħtieġ li jiġu ffissati miri bijoloġiċi ġodda ladarba l-istokk ikun irkupra sal-livell ta' prekawzjoni tal-bijomassa*[12]." Minkejja li l-istokk kien wasal għal dan il-livell fl-2010, ma saritx reviżjoni;

- Fil-pjan għall-merluzz tat-Tramuntana (ir-Regolament (KE) Nru 811/2004), jitqies li l-għan ikun intlaħaq meta d-daqs tal-istokk li jbid jinżamm f'livell ogħla mil-limiti bijoloġiċi sikuri għal sentejn konsekuttivi. Għalhekk, dan ma tfassalx speċifikament biex jinkiseb ir-rendiment massimu sostenibbli (MSY). Barra minn hekk, l-ICES

---

8 It-task force interistituzzjonali dwar il-pjanijiet pluriennali ġie stabbilit fl-2013 biex jindirizza kwistjonijiet interistituzzjonali u biex jintlaħaq qbil dwar id-direzzjoni li għandha tittieħed biex jiġu ffaċilitati l-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' pjanijiet pluriennali skont it-termini tal-Politika Komuni tas-Sajd, u biex jiġu eżaminati l-pjanijiet pluriennali u jiġu evalwati l-possibbiltajiet biex jinstab mod tajjeb kif wieħed jipproċedi.

9 Ir-rapporti tal-STECF li jivvalutaw ir-riżultati tal-pjanijiet pluriennali attwali jinsabu fuq https://stecf.jrc.ec.europa.eu/reports/management-plans .

10 http://www.ices.dk/sites/pub/Publication%20Reports/Advice/2015/2015/her-67bc.pdf

11 STECF: Evaluation/scoping of Management plans - Evaluation of the multi-annual plan for the management of Western Channel sole (Regulation EC 509/2007) (STECF-14-04), p. 7 and 10

12 STECF: Impact Assessment of Bay of Biscay sole (STECF-11-01), p. 12

irrapporta li "*il-pjan attwali għall-irkupru (ir-Regolament (KE) Nru 811/2004) huwa bbażat fuq punti ta' referenza ta' prekawzjoni li m'għadhomx rilevanti*"[13];

- Japplikaw kummenti simili għall-pjan għall-merluzz tan-Nofsinhar u għall-iskampu (ir-Regolament (KE) Nru 2166/2005): dan ma tfassalx biex jintlaħaq ir-rendiment massimu sostenibbli (MSY) u, skont l-ICES, juża "punti ta' referenza ta' prekawzjoni li m'għadhomx rilevanti". Fl-2010, l-STECF ikkonkluda li "*ma nkisibx it-tnaqqis ta' F mill-2006 'l quddiem li kien mistenni bħala riżultat tal-pjan*", "*filwaqt li l-isforz tas-sajd irregolat naqas, l-isforzz operattiv (l-isforz skont il-piż tal-qabdiet) żdied għaliex l-isforz ġie ttrasferit fuq irkapti li jaqbdu aktar merluzz bl-istess sforz*", u "*probabbilment mhux se jintlaħaq l-Fmsy sal-2015, kif kien maħsub. Bħala riżultat ta' dan, il-pjan mhux qed jirnexxilu jikseb l-għanijiet iddikjarati tiegħu*"[14];

Ir-reġim ta' ġranet fuq il-baħar ukoll ġie kkritikat minn xi partijiet ikkonċernati minħabba li għandu effetti negattivi li jagħmlu ħsara lill-ambjent minflok jippreżerva l-istokkijiet tal-ħut, pereżempju minħabba li l-bastimenti b'baġit limitat ta' ġranet fuq il-baħar ikollhom jistadu qrib il-kosta fejn jikkonċentra l-ħut li għadu qed jikber.

- **Il-valutazzjoni tal-impatti**

Il-valutazzjoni tal-impatti għall-pjan pluriennali tal-Ilmijiet tal-Punent saret fil-kuntest ta' PKS ġdid u l-abbozzar mill-ġdid tar-regolamenti dwar il-Miżuri Tekniċi. Il-PKS il-ġdida tinkludi, fost l-oħrajn, obbligu ġdid ta' ħatt l-art, skeda ta' żmien biex jintħalaq ir-rendiment massimu sostenibbli (MSY) u r-reġjonalizzazzjoni. Fuq dan l-isfond, għadd ta' rapporti, studji u kuntratti pprovdew sfond għal dawn il-kwistjonijiet. Fil-kuntest hemm:

- ir-riforma tal-PKS;
- l-impatti tal-introduzzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art;
- id-dimensjonijiet soċjoekonomiċi tal-PKS;
- l-iżvilupp ta' regolament ġdid dwar il-miżuri tekniċi;
- il-kwistjonijiet dwar is-sajd imħallat fl-UE, inkluż it-trattament ta' effetti "choke";
- kunsiderazzjonijiet dwar iż-żoni ta' ġestjoni għall-pjanijiet pluriennali ġodda;
- kunsiderazzjonijiet tal-ġestjoni bl-użu tar-rendiment massimu sostenibbli (MSY).

Fil-valutazzjoni tal-impatti ġew eżaminati fid-dettall tliet għażliet leġiżlattivi: L-Għażla 1 — li jintużaw ir-regoli tal-PKS rilevanti eżistenti, l-Għażla 2 — l-istabbiliment ta' pjan pluriennali wieħed għas-sajd imħallat, l-Għażla 3 — li l-pjanijiet eżistenti jiġu sostitwiti minn diversi pjanijiet pluriennali tas-sajd imħallat.

**L-Għażla 1** tirrifletti l-*istatus quo*, li ma jindirizzax il-problemi tas-sajd eċċessiv u tal-governanza ineffettiva (ara t-taqsimiet 1.4 u 3) b'mod effikaċi. Iżda l-għan tal-inizjattiva hija

[13] http://www.ices.dk/sites/pub/Publication%20Reports/Advice/2016/2016/hke-nrtn.pdf

[14] STECF: Report of the Sub Group on Management Objectives and Strategies (SGMOS 10-06). Part d) Evaluation of Multi-Annual Plan for hake and Nephrops in areas VIIIc and IXa, p. 6

preċiżament li tindirizza l-problemi li jeżistu fl-*istatus quo*. Jidher ċar li din l-għażla ma tilħaqx l-għanijiet speċifiċi minħabba li biha jibqgħu fis-seħħ dispożizzjonijiet kontraditorji.

**L-Għażla 2** timplika li jkun hemm pjan wieħed għall-Ilmijiet tal-Punent kollha. Din l-għażla tqis li ħafna mill-istess Stati Membri jistadu kemm fl-Ilmijiet tat-Tramuntana kif ukoll fl-Ilmijiet tal-Lbiċ, u barra minn hekk li bosta flotot jistadu fiż-żewġ Ilmijiet li huma.

Barra minn hekk pjan wieħed xorta waħda jkun jippermetti li jsiru r-rakkomandazzjonijiet konġunti dwar sajd speċifiku fl-Ilmijiet tal-Majjistral jew fl-Ilmijiet fl-Ilmijiet tal-Lbiċ rispettivament. Barra minn hekk il-proposti se jsegwu eżattament l-istess mudell għall-Ilmijiet tat-Tramuntana u tal-Lbiċ, kif inhu adottat fil-Pjan Pluriennali għall-Baħar Baltiku, u li hu mistenni li jiġi rfinut mill-Pjan Pluriennali għall-Baħar tat-Tramuntana.

**L-Għażla 3** timplika żewġ pjanijiet, wieħed għall-Ilmijiet tal-Majjistral u l-ieħor għall-Ilmijiet tal-Lbiċ. Id-differenza bejn din l-għażla u l-Għażla 2 b'hekk tkun li din l-għażla tkun tirrifletti l-istruttura attwali għar-reġjonalizzazzjoni, peress li dawn iż-żewġ żoni huma koperti mill-Kunsill Konsultattiv għall-Ilmijiet tal-Majjistral u mill-Kunsill Konsultattiv għall-Ilmijiet tal-Lbiċ rispettivament. Dawn huma ż-żoni li ntużaw mill-Grupp tal-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Majjistral u mill-Grupp tal-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Lbiċ biex ipproduċew Rakkomandazzjoni Konġunta għall-pjanijiet ta' skartar.

Iż-żewġ pjanijiet b'hekk ikunu jaħdmu bħala estensjoni naturali tax-xogħol li sar fil-valutazzjoni tar-rekwiżiti tal-ġestjoni tas-sajd permezz tal-pjanijiet ta' skartar, biex jintlaħqu l-għanijiet tal-PKS (jiġifieri li jiġi implimentat l-obbligu ta' ħatt l-art u li jintlaħaq ir-rendiment massimu sostenibbli (MSY)).

Filwaqt li l-Għażliet 2 u 3 t-tnejn li huma kellhom iktar punti favorevoli mill-Għażla 1 li hija l-linja bażi, l-analiżijiet preċedenti wrew li l-**Għażla 2: li tikkonsisti minn pjan pluriennali wieħed għas-sajd imħallat kollu fl-Ilmijiet tal-Punent**, kellha l-iktar punti favorevoli rigward dawn il-kriterji li ġejjin:

- L-effikaċja u l-effiċjenza
- It-tnaqqis tal-piż amministrattiv;
- Il-kisba b'mod ġenerali tal-għanijiet ewlenin tal-PKS;
- Tipprovdi qafas ta' ġestjoni li jiffaċilita l-istabbiltà u l-prevedibbiltà.

Barra minn hekk, pjan ta' ġestjoni wieħed jissimplifika l-qafas legali u jnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri u fuq l-industrija.

- **L-idoneità regolatorja u s-simplifikazzjoni**

Għalkemm dan il-pjan mhuwiex marbut mar-REFIT, huwa jnaqqas il-piżijiet regolatorji billi jissostitwixxi ħames regolamenti li jiġu inklużi fih. Barra minn hekk jabolixxi l-iskemi kumplessi ta' ġranet fuq il-baħar, li l-ġestjoni u l-monitoraġġ tagħhom jirrikjedu riżorsi amministrattivi addizzjonali.

Is-sistema attwali timponi spiża ekonomika importanti fuq in-negozji u speċjalment fuq l-SMEs; dan it-telf qed jiġi kkawżat minn regolamentazzjoni kumplessa u se jiġi evitat fil-futur (il-benefiċċji diretti tas-simplifikazzjoni). L-isfruttament sostenibbli se jagħti aktar profitabbiltà li twassal għal rendiment ekonomiku mtejjeb. Is-sajjieda se jkollhom aktar libertà jiddeċiedu fejn u meta jistadu. L-eliminazzjoni tar-reġim tal-isforz tas-sajd mhux biss tnaqqas il-piż amministrattiv, li jinkludi ħafna rappurtar, għall-industrija, iżda jnaqqas ukoll il-piż għall-amministrazzjonijiet nazzjonali, tal-ipproċessar u tal-monitoraġġ ta' dawn ir-rapporti.

Il-pjan ta' ġestjoni għall-aringi fil-Punent tal-Iskozja stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1300/2008 jitħassar. Il-pjan ma għadux jgħodd illum il-ġurnata billi nbidlu l-perċezzjonijiet xjentifiċi tal-istokkijiet involuti.

- **Id-drittijiet fundamentali**

Ma japplikax

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ma hemmx implikazzjonijiet baġitarji

## 5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Il-pjanijiet ta' implimentazzjoni u l-monitoraġġ, l-arranġamenti għall-evalwazzjoni u għar-rappurtar**

Il-pjan jipprevedi l-evalwazzjoni perjodika tal-impatt tiegħu fuq l-istokkijiet ikkonċernati abbażi tal-parir xjentifiku. Huwa kruċjali li jiġi identifikat perjodu xieraq għal din l-evalwazzjoni: perjodu li jippermetti l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri reġjonalizzati, u li juri l-effetti tagħhom fuq l-istokkijiet u fuq is-sajd. Jenħtieġ li jqis ukoll il-metodu ta' ħidma tal-korpi xjentifiċi, inkluża l-valur referenzjarju regolari tagħhom. Riċentement, ma setax jingħata parir xjentifiku minħabba li ma kienx hemm biżżejjed dejta jew xejriet li setgħu ġew evalwati, meta l-evalwazzjoni kienet tikkonċerna perjodu ta' tliet snin. B'hekk, jenħtieġ li l-pjan jiġi evalwat kull ħames snin.

F'dan ir-rigward, ta' min isemmi li l-evalwazzjoni perjodika tal-impatt tal-pjan ma żżommx lil-leġiżlaturi milli jemendaw il-pjan jekk dan ikun meħtieġ minħabba żviluppi ġodda.

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Bi qbil mal-għan ġenerali tal-PKS dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd, u speċifikament dwar l-Artikoli 9 u 10 tar-Regolament Bażiku, li jeżiġu l-iżvilupp ta' pjanijiet pluriennali, l-elementi ewlenin tal-pjan huma dawn:

- Il-kamp ta' applikazzjoni tal-pjan huma l-istokkijiet ta' ħut demersali, fosthom l-istokkijiet tal-baħar fond, fl-Ilmijiet tal-Punent, u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet. Il-pjan jittratta wkoll l-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art u l-miżuri tekniċi għall-istokkijiet kollha u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet fl-Ilmijiet tal-Punent.
- L-għanijiet u l-miri (li jinkisbu livelli ta' mortalità mis-sajd konsistenti mal-prinċipju ta' rendiment massimu sostenibbli). Bi qbil mal-Artikolu 10 tar-Regolament Bażiku, jenħtieġ li l-miri jkunu kwantifikabbli. Il-miri proposti jingħataw bħala meded ta' mortalità mis-sajd qrib l-$F_{MSY}$, kif irrakkomandat mill-ICES. Dawn il-meded tal-$F_{MSY}$ jippermettu ġestjoni bbażata fuq ir-rendiment massimu sostenibbli (MSY) għall-istokkijiet ikkonċernati, u jidher li jħallu lok għall-adattazzjoni f'każ li jkun hemm xi tibdil fil-parir xjentifiku, u fl-istess ħin iżommu livell għoli ta' prevedibbiltà;
- Il-punti ta' referenza għall-konservazzjoni, mogħtija bħala tunnellati ta' bijomassa riproduttiva ta' stokk jew bħala abbundanza fin-numri, li huma inklużi fil-pjan huma ddeterminati mill-ICES, normalment permezz tal-eżerċizzju ta' evalwazzjoni komparattiva tagħhom. Meta ma jkunx hemm pariri dwar il-livell tal-bijomassa riproduttiva ta' stokk, jew punti ta' referenza tal-abbundanza, jeħtieġ li tittieħed azzjoni mal-mument li fih il-parir xjentifiku jindika li xi stokk ikun mhedded.

- Is-salvagwardji u l-miżuri ta’ konservazzjoni speċifiċi huma marbuta mal-punti ta’ referenza għall-konservazzjoni. Meta l-parir xjentifiku jkun li xi wieħed mill-istokkijiet ikkonċernati jkun taħt dak il-punt, jeħtieġ li titnaqqas il-qabda totali permissibbli għal dak l-istokk. Din il-miżura tista’ tiġi kkumplimentata skont il-ħtieġa permezz ta’ miżuri bħalma huma l-miżuri tekniċi, jew miżuri ta’ emerġenza tal-Kummissjoni jew tal-Istati Membri.
- Id-dispożizzjonijiet marbutin mal-obbligu ta’ ħatt l-art li jridu jiġu adottati fir-reġjonalizzazzjoni, u huma meħtieġa għall-implimentazzjoni sħiħa tal-obbligu ta’ ħatt l-art. Dawn ikunu jipprevedu wkoll bażi legali jekk jinqala’ l-każ li jkun hemm sopravvivenza għolja jew eżenzjonijiet de minimis fil-futur, skont il-parir xjentifiku.

2018/0074 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-ħut fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1139 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-Baħar Baltiku, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) 509/2007 u (KE) 1300/2008**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li ntbagħat l-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[15],

Filwat li jaġixxi skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Liġi tal-Baħar, li tagħha l-Unjoni hija parti kontraenti, tistipula l-obbligi ta' konservazzjoni, inklużi ż-żamma jew l-irkupru tal-popolazzjonijiet ta' speċijiet maqbuda f'livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli (MSY).

(2) Fis-Samit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli li sar f'New York fl-2015, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha impenjaw ruħhom biex sal-2020 jirregolaw b'mod effettiv il-qbid u jtemmu s-sajd eċċessiv, is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat u l-prattiki tas-sajd qerrieda u jimplementaw pjanijiet ta' ġestjoni bbażati fuq ix-xjenza, biex l-istokkijiet tal-ħut jiġu ripristinati fl-inqas żmien fattibbli, għall-inqas sa livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli (MSY) skont kif ikun iddeterminat mill-karatteristiki bijoloġiċi tagħhom.

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16] jistabbilixxi r-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) bi qbil mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni. Il-PKS se tikkontribwixxi għall-ħarsien tal-ambjent tal-baħar, għall-ġestjoni sostenibbli tal-ispeċijiet kollha li huma sfruttati għall-kummerċ, u

[15] ĠU C , , p. .

[16] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

b'mod partikolari għall-kisba ta' status tajjeb ambjentali sal-2020, kif stipulat fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17].

(4) L-objettivi tal-PKS huma, fost l-oħrajn, li jkun żgurat li s-sajd u l-akkwakultura jkunu ambjentalment sostenibbli għat-terminu twil ta' żmien, li jiġi applikat l-approċċ ta' prekawzjoni għall-ġestjoni tas-sajd, u li jiġi implimentat approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd.

(5) Sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-PKS, iridu jiġu adottati għadd ta' miżuri ta' konservazzjoni skont kif ikun xieraq fi kwalunkwe kombinazzjoni, bħal pjanijiet pluriennali, miżuri tekniċi, l-iffissar u l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd.

(6) Skont l-Artikoli 9 u 10 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-pjanijiet pluriennali jridu jkunu bbażati fuq pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi. Skont dawk id-dispożizzjonijiet, jenħtieġ li dan il-pjan ikun fih l-għanijiet, il-miri kwantifikabbli bi skedi ta' żmien ċari, punti ta' referenza għall-konservazzjoni, salvagwardji u miżuri tekniċi maħsubin biex jevitaw u jnaqqsu l-qabdiet inċidentali.

(7) "L-aħjar parir xjentifiku disponibbli" jirreferi għal parir xjentifiku li jkun disponibbli għall-pubbliku u li jkun appoġġat mid-dejta xjentifika u mill-metodi xjentifiċi l-aktar riċenti, u li jkun inħareġ jew ġie evalwat minn korp xjentifiku indipendenti li jkun rikonoxxut fl-Unjoni Ewropea jew f'livell internazzjonali.

(8) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikseb l-aħjar parir xjentifiku disponibbli għall-istokkijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-pjan pluriennali. Biex tagħmel dan trid tikkonkludi Memorandi ta' Qbil mal Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES). Il-parir xjentifiku li jinħareġ mill-ICES jeħtieġ li jkun ibbażat fuq dan il-pjan pluriennali u li jindika, b'mod partikolari, il-meded tal-FMSY u tal-punti ta' referenza tal-bijomassa, jiġifieri l-Btrigger u l-Blim tal-MSY. Jeħtieġ li dawk il-valuri jkunu indikati fil-parir rilevanti għal kull stokk u, meta jkun jixraq, f'kull parir xjentifiku ieħor li jkun disponibbli għall-pubbliku, pereżempju anki fil-pariri dwar is-sajd imħallat li joħroġ l-ICES.

(9) Ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004[18], (KE) Nru 2166/2005[19], (KE) Nru 388/2006[20], (KE) Nru 509/2007[21],(KE) Nru 1300/2008[22] u (KE) Nru 1342/2008[23]

---

17 Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19)

18 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004 tal-21 ta' April 2004 li jistabbilixxi l-miżuri għall-irkupru tal-ħażna ta' marlozz tat-Tramuntana (ĠU L 150, 30.4.2004, p. 1)

19 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2166/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokkijiet tal-merluzz tan-Nofsinhar u l-awwista Norveġiża fil-Baħar tal-Kantabrija u l-peniżola tal-Iberja tal-Punent u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 850/98 għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' speċijiet zgħar ta' ħlejjaq tal-baħar (ĠU L 345, 28.12.2005, p. 5)

20 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 388/2006 tat-23 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-isfruttament sostenibbli ta' stokkijiet tal-lingwata fil-Bajja ta' Biskajja (ĠU L 65, 7.3.2006, p. 1)

21 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 509/2007 tas-7 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-ħażniet tal-lingwata fil-Fliegu tal-Punent (ĠU L 122, 11.5.2007, p. 7)

22 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1300/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokk ta' aringi li jinsab fil-Punent tal-Iskozja u għas-sajd li jisfrutta dak l-istokk (ĠU L 344, 20.12.2008, p. 6)

23 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan għal perjodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2004 (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 20).

jistipulaw ir-regoli għall-isfruttament tal-istokk tal-merluzz fit-Tramuntana, tal-istokkijiet tal-merluzz u tal-iskampu fil-Baħar ta' Cantabria u qrib in-naħa tal-Punent tal-Peniżola Iberika, tal-lingwata fil-Bajja ta' Biskajja, tal-lingwata fil-Fliegu tal-Punent, tal-aringi fin-naħa tal-Punent tal-Iskozja u tal-bakkaljaw fil-Kattegat, fin-naħa tal-Punent tal-Iskozja tal-Baħar tat-Tramuntana, u fil-Baħar Irlandiż. Dawn u stokkijiet ta' ħut demersali oħrajn jittieħdu fis-sajd imħallat. Għalhekk jixraq li jiġi stabbilit pjan pluriennali uniku li jqis dawn l-interazzjonijiet tekniċi.

(10) Barra minn hekk, dan il-pjan pluriennali jeħtieġ li jkun japplika għall-istokkijiet tal-ħut demersali u tas-sajd tagħhom fl-Ilmijiet tal-Punent li huma magħmulin mill-Ilmijiet tal-Majjistral u l-ilmijiet tal-Lbiċ. Dan il-ħut huwa speċijiet ta' ħut tond, pixxiċatt, ħut kartilaġinuż, u l-iskampu (*Nephrops norvegicus*) li jgħixu fil-qiegħ jew qrib il-qiegħ tal-kolonna tal-ilma.

(11) Xi stokkijiet tal-ħut demersali huma sfruttati kemm fl-Ilmijiet tal-Punent kif ukoll fl-ilmijiet tal-madwar. Għaldaqstant, il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet fil-pjan li għandhom rabta mal-miri u mas-salvagwardji għall-istokkijiet li prinċipalment jiġu sfruttati fl-Ilmijiet tal-Punent jeħtieġ li jiġi estiż saż-żoni 'l barra mill-Ilmijiet tal-Punent. Barra minn hekk, għall-istokkijiet li jinsabu wkoll fl-Ilmijiet tal-Punent li jiġu sfruttati b'mod prinċipali barra mill-Ilmijiet tal-Punent, jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-miri u s-salvagwardji fil-pjanijiet pluriennali għaż-żoni fejn jiġu sfruttati dawk l-istokkijiet, 'il barra mill-Ilmijiet tal-Punent, u jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni ta'dawk il-pjanijiet biex ikun jinkludi l-Ilmijiet tal-Punent.

(12) L-ambitu ġeografiku tal-pjan pluriennali jeħtieġ li jkun ibbażat fuq id-distribuzzjoni ġeografika tal-istokkijiet indikati fil-parir xjentifiku dwar l-istokkijiet l-aktar riċenti li jingħata mill-ICES. Jistgħu jkunu meħtieġa xi bidliet fid-distribuzzjoni ġeografika tal-istokkijiet stabbiliti fil-pjan pluriennali, jew għax ikun hemm informazzjoni xjentifika aħjar, jew minħabba l-migrazzjoni tal-istokkijiet. Għalhekk, jeħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati li jaġġustaw id-distribuzzjoni ġeografika tal-istokkijiet stabbiliti fil-pjan pluriennali jekk il-parir xjentifiku tal-ICES ikun jindika bidla fid-distribuzzjoni ġeografika tal-istokkijiet rilevanti.

(13) Meta stokkijiet ta' interess komuni jkunu qed jiġu sfruttati minn pajjiżi terzi wkoll, jeħtieġ li l-Unjoni tikkomunika ma' dawk il-pajjiżi terzi biex tiżgura li dawn l-istokkijiet jiġu ġestiti b'mod sostenibbli li jkun konsistenti mal-għanijiet ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2) tiegħu. Meta ma jintlaħaqx ftehim formali l-Unjoni jeħtiġilha tagħmel kull sforz biex tikseb arranġamenti komuni għas-sajd ta' dawn l-istokkijiet bil-għan li jinkiseb stat ta' ġestjoni sostenibbli, u b'hekk ikun hemm kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi tal-Unjoni.

(14) L-għan ta' dan il-pjan irid ikun li jgħin biex jinkisbu l-għanijiet tal-PKS, u b'mod partikolari, li jintlaħaq u jinżamm ir-rendiment massimu sostenibbli (MSY) f'dawk l-istokkijiet, li jiġi implimentat l-obbligu ta' ħatt l-art għall-istokkijiet tal-ħut demersali soġġett għal-limiti ta' qbid, li jiġi promoss livell ta' għajxien diċenti għan-nies li jiddependu fuq l-attivitajiet tas-sajd, u ma jintnesewx l-aspetti soċjoekonomiċi u s-sajd kostali. Irid ukoll jimplimenta metodu ta' ġestjoni tas-sajd li jkun ibbażat fuq l-ekosistema biex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-impatti negattivi tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistema tal-baħar. Irid ikun jaqbel mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-għan li jintlaħaq status ambjentali tajjeb sal-2020 (bi qbil mad-Direttiva 2008/56/KE) u mal-għanijiet tad-Direttiva 2009/147/KE u tad-Direttiva 92/43/KEE. Dan il-pjan irid ukoll jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-

obbligu ta’ ħatt l-art fil-partijiet tal-Unjoni tal-Ilmijiet tal-Punent fir-rigward tal-istokkijiet kollha ta’ dawk l-ispeċijiet li japplika għalihom l-obbligu ta’ ħatt l-art skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(15) L-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jeżiġi li l-opportunitajiet tas-sajd jiġu ffissati skont l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(2) tiegħu u jikkonformaw mal-miri, mal-iskedi taż-żmien u mal-marġnijiet stabbiliti fil-pjanijiet pluriennali.

(16) Jixraq li tiġi stabbilita mira għall-mortalità mis-sajd (F) li taqbel mal-għan li jinkiseb u jinżamm rendiment massimu sostenibbli (MSY) fil-forma ta’ meded ta’ valuri li jkunu konsistenti mal-kisba tar-rendiment massimu sostenibbli ($F_{MSY}$). Dawk il-meded, abbażi tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli, huma meħtieġa biex ikun hemm biżżejjed flessibbiltà biex ikun jista’ jsir addattament skont l-iżviluppi fil-parir xjentifiku, biex jgħinu fl-implimentazzjoni tal-obbligu ta’ ħatt l-art u biex tingħata wisa’ għall-karatteristiki tas-sajd imħallat. Il-meded tal-$F_{MSY}$ iridu jiġu kkalkulati mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES), b’mod partikolari fil-parir tiegħu dwar il-qabdiet perjodiċi. Abbażi ta’ dan il-pjan dawn il-meded jiġu dderivati biex ma jingħatax aktar minn 5% tnaqqis fir-rendiment fuq żmien twil meta mqabbel mar-rendiment massimu sostenibbli (MSY)[24]. L-ogħla medda għandha limitu massimu biex il-probabbiltà li l-istokk jinżel għal inqas minn $B_{lim}$ ma tkunx ogħla minn 5%. Dak l-ogħla limitu jikkonforma wkoll mar-regola rakkomandata tal-ICES li tindika li meta l-bijomassa riproduttiva jew l-abbundanza jkunu fi stat ħażin, il-mortalità mis-sajd (F) titnaqqas għal valur li ma jaqbiżx l-ogħla limitu li jkun ugwali għall-valur tal-punt tal-$F_{MSY}$ immultiplikat bil-bijomassa riproduttiva jew bl-abbundanza fis-sena tal-qabda totali permissibbli (TAC) diviż bi MSY $B_{trigger}$. L-ICES iqis dawn il-kwistjonijiet u r-regola rakkomandata meta jagħti l-parir xjentifiku dwar il-mortalità mis-sajd u l-għażliet tal-qabdiet.

(17) Biex jiġu ffissati l-opportunitajiet tas-sajd, irid ikun hemm l-ogħla limitu tal-meded tal-$F_{MSY}$ fl-użu normali u, dejjem jekk l-istokk ikkonċernat ikun meqjus li hu fi stat tajjeb, l-ogħla limitu ta’ dik il-medda jista’ jintuża f’xi każijiet. Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu ffissati l-opportunitajiet tas-sajd sal-limitu massimu biss jekk, abbażi ta’ parir xjentifiku jew ta’ evidenza xjentifika, ikun meħtieġ għall-kisba tal-għanijiet stabbiliti f’dan ir-Regolament fis-sajd imħallat, jew ikun meħtieġ biex tiġi evitata ħsara lil stokk minħabba d-dinamiċi bejn l-istokkijiet ta’ speċi waħda jew bejn speċijiet imħallta, jew għal-limitazzjoni tal-varjazzjonijiet fl-opportunitajiet tas-sajd minn sena għal oħra.

(18) Fil-każ tal-istokkijiet li għalihom jeżistu l-miri b’rabta mal-MSY, u biex jiġu applikati miżuri ta’ salvagwardja, jenħtieġ li jiġu stabbiliti punti ta’ referenza għall-konservazzjoni mogħtija bħala livelli tal-bijomassa riproduttiva ta’ skattament għall-istokkijiet tal-ħut, u livelli tal-abbundanza ta’ skattament għall-iskampu.

(19) Jenħtieġ li jiġu previsti miżuri xierqa ta’ salvagwardja fil-każ li d-daqs tal-istokk jaqa’ taħt dawn il-livelli. Il-miżuri ta’ salvagwardja jeħtieġ li jinkludu t-tnaqqis tal-opportunitajiet tas-sajd u miżuri speċifiċi ta’ konservazzjoni meta l-parir xjentifiku jindika li huma meħtieġa miżuri rimedjali. Dawn il-miżuri jridu jkunu supplimentati bil-miżuri l-oħrajn kollha, skont ir-rilevanza, pereżempju l-miżuri tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jew il-miżuri tal-Istati Membri skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

[24] Talba tal-UE lill-ICES biex jipprovdi l-meded tal-FMSY għal stokkijiet magħżulin fis-subżoni 5 sa 10 tal-ICES

(20) Għandu jkun possibbli li l-qabdiet totali permissibbli (TACs) għall-iskampu fl-Ilmijiet tal-Punent jiġu ffissati bħala s-somma tal-limiti tal-qbid stabbiliti għal kull unità funzjonali, u s-somma tal-limiti tal-qbid fir-rettangoli statistiċi ’l barra mill-unitajiet funzjonali, f’dik iż-żona ta’ qabdiet totali permissibbli. Madankollu, dan ma jipprekludix l-adozzjoni ta’ miżuri biex jiġu protetti unitajiet funzjonali speċifiċi.

(21) Biex jintuża metodu reġjonali għall-konservazzjoni u għall-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, jixraq li tkun prevista l-possibbiltà li jittieħdu miżuri tekniċi għall-istokkijiet kollha fl-Ilmijiet tal-Punent.

(22) Meta l-Kunsill iqis impatt sinifikanti tas-sajd rikreattiv fil-qafas tal-opportunitajiet tas-sajd għal ċertu stokk, irid ikun jista’ jiffissa qabda totali permissibbli għall-qabdiet kummerċjali li tqis il-volum tal-qabdiet rikreattivi u/jew li jadotta miżuri oħrajn li jillimitaw is-sajd rikreattiv, bħalma huma limiti tal-qabdiet u perjodi ta’ għeluq.

(23) Biex jikkonforma mal-obbligu ta’ ħatt l-art stabbilit fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jeħtieġ li l-pjan jipprevedi li jerġgħu jiġu speċifikati miżuri ta’ ġestjoni addizzjonali bi qbil mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(24) Id-data ta’ skadenza biex l-Istati Membri li għandhom interess ta’ ġestjoni dirett jippreżentaw ir-rakkomandazzjonijiet konġunti jeħtieġ li tiġi stabbilita, kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(25) Skont l-Artikolu 10(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jeħtieġ li jiġu stabbiliti d-dispożizzjonijiet dwar il-valutazzjoni perjodika mill-Kummissjoni tal-adekwatezza u l-effikaċja tal-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament skont il-parir xjentifiku. Jeħtieġ li l-pjan jiġi evalwat sa ... [ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament], u kull ħames snin wara dan. Dak il-perjodu jagħti ż-żmien biex jiġi implimentat bis-sħiħ l-obbligu ta’ ħatt l-art, u biex jiġu adottati, implimentati, u jagħmlu l-effetti tagħhom fuq l-istokkijiet u fuq is-sajd il-miżuri reġjonali. Dan il-perjodu huwa wkoll il-perjodu minimu meħtieġ mill-korpi xjentifiċi.

(26) Biex isir adattament għall-progress tekniku u xjentifiku fil-ħin u b’mod proporzjonat, u biex tkun żgurata l-flessibbiltà u tiġi permessa jkunu jistgħu jevolvu ċerti miżuri, bi qbil mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jeħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-atti dwar is-supplimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament fejn għandu x’jaqsam mal-miżuri ta’ rimedju u mal-implimentazzjoni tal-obbligu ta’ ħatt l-art. Huwa importanti ħafna li waqt ix-xogħol ta’ tħejjija l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet li hemm bżonn, anki ma’ esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru skon il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta’ April 2016 dwar It-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[25]. B’mod partikolari biex tkun aċċertata parteċipazzjoni ekwa fit-tħejjija tal-atti delegati, trid tiżgura li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-isess ħin mal-esperti tal-Istati Membri, u li dawn l-esperti jkollhom aċċess b’mod sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qegħdin ifasslu l-atti delegati.

(27) Biex ikun hemm ċertezza legali, jixraq li jkun iċċarat li l-miżuri ta’ waqfien temporanju li jkunu ġew adottati biex jintlaħqu l-għanijiet tal-pjan jistgħu jitqiesu li huma eliġibbli għall-appoġġ skont ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26].

[25] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

[26] Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE)

(28) L-applikazzjoni ta' referenzi dinamiċi għall-meded tal-$F_{MSY}$ u għall-punti ta' referenza għall-konservazzjoni tkun tiggarantixxi li dawn il-parametri, li huma essenzjali biex jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd, ma jiskadux, u li l-Kunsill dejjem ikun jista' juża l-aħjar parir xjentifiku disponibbli. Barra minn hekk, għandu jiġi segwit dak l-approċċ li jipprovdi r-referenzi dinamiċi skont l-aħjar parir xjentifiku disponibbli, għall-ġestjoni tal-istokkijiet fil-Baħar Baltiku. F'dan il-kuntest, "l-aħjar parir xjentifiku" jirreferi għal parir xjentifiku li jkun disponibbli għall-pubbliku u li jkun appoġġat mid-dejta xjentifika u mill-metodi xjentifiċi l-aktar riċenti, u li jkun inħareġ jew ġie evalwat minn korp xjentifiku indipendenti li jkun rikonoxxut fl-Unjoni Ewropea jew f'livell internazzjonali. Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2016/1139[27] jiġi emendat.

(29) Jenħtieġ li jitħassru r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 1300/2008.

(30) L-impatt ekonomiku u soċjali probabbli tal-pjan ġie vvalutat bi qbil mal-Artikolu 9(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 qabel ma ġie ffinalizzat,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# KAPITOLU I
# SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

*Artikolu 1*
*Is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi pjan pluriennali ("il-pjan") għall-istokkijiet tal-ħut demersali, fosthom stokkijiet tal-baħar fond, li ġejjin, fl-Ilmijiet tal-Punent, u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u fejn dawk l-istokkijiet ikunu mifruxin 'il barra mill-Ilmijiet tal-Punent, fl-Ilmijiet tal-madwar:

(1) Iċ-ċinturin iswed (*Aphanopus carbo*) fis-subżoni 1, 2, 4, 6–8, 10, u 14, u fit-taqsimiet 3a, 5a–b, 9a, u 12b;

(2) Il-fonsa ħamra (*Beryx spp.*) fil-Grigal tal-Atlantiku;

(3) Il-grenadier imnieħru tond (*Coryphaenoides rupestris*) fit-taqsima 5b, fis-subżoni 6 u 7;

(4) L-ispnotta tat-tbajja' (*Dicentrarchus labrax*) fit-taqsimiet 4b, 4c, 7a, u 7d–h;

(5) Il-bakkaljaw (*Gadus morhua*) fit-taqsima 7a;

(6) Il-bakkaljaw (*Gadus morhua*) fit-taqsimiet 7e-k;

(7) Il-megrim (*Lepidorhombus spp.*) fit-taqsimiet 4a u 6a;

---

Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 (UE) u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1).

[27] Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 (ĠU L 191, 15.7.2016, p. 1).

(8) Il-megrim (*Lepidorhombus spp.*) fit-taqsima 6b;

(9) Il-megrim (*Lepidorhombus spp.*) fit-taqsimiet 7b-k, 8a-b, u 8d;

(10) Il-megrim (*Lepidorhombus spp.*) fit-taqsimiet 8c u 9a;

(11) Il-petriċa kbira (*Lophiidae*) fit-taqsimiet 7b-k, 8a-b, u 8d;

(12) Il-petriċa kbira (*Lophiidae*) fit-taqsimiet 8c u 9a;

(13) Il-merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*) fit-taqsima 6b;

(14) Il-merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*) fit-taqsima 7a;

(15) Il-merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*) fit-taqsimiet 7b-k;

(16) Il-merlangu (*Merlangius merlangus*) fit-taqsimiet 7b, 7c u 7e-k;

(17) Il-merlangu (*Merlangius merlangus*) fis-subżona 8 u fit-taqsima 9a;

(18) Il-merluzz (*Merluccius merluccius*) fis-subżoni 4, 6 u 7, fit-taqsimiet 3a, 8a-b u 8d;

(19) Il-merluzz (*Merluccius merluccius*) fit-taqsimiet 8c u 9a;

(20) Il-linarda (*Molva dypterygia*) fit-taqsima 5b, fis-subżoni 6 u 7;

(21) L-iskampu (*Nephrops norvegicus*) skont l-unitajiet funzjonali fis-subżona 6 u fit-taqsima 5b:

- Fil-Minch tat-Tramuntana (FU 11);
- Fil-Minch tan-Nofsinhar (FU 12);
- Fil-Firth of Clyde (FU 13);
- Fit-taqsima VIa ’l barra mill-unitajiet funzjonali (fil-Punent tal-Iskozja);

(22) L-iskampu (*Nephrops norvegicus*) skont l-unitajiet funzjonali fis-subżona 7:

- fil-Lvant tal-Baħar Irlandiż (FU 14);
- fil-Punent tal-Baħar Irlandiż (FU 15);
- Fis-sikka ta’ Porcupine (FU 16);
- Fl-Aran grounds (FU 17);
- Fil-Baħar Irlandiż (FU 19);
- Fil-Baħar il-Baħar Ċeltiku (FU 20-21);
- Fil-Kanal ta’ Bristol (FU 22);
- Fis-subżona 7 tal-ICES ’il barra mill-unitajiet funzjonali (In-Nofsinhar tal-Baħar Ċeltiku, fil-Lbiċ tal-Irlanda);

(23) L-iskampu (*Nephrops norvegicus*) skont l-unitajiet funzjonali fit-taqsimiet 8a, 8b, 8d u 8e:

- Fin-Nofsinhar tal-Bajja ta’ Biskajja (FU 25);

(24) L-iskampu (*Nephrops norvegicus*) skont l-unitajiet funzjonali fis-subżoni 9 u 10, fit-taqsima tas-CECAF 34.1.1:

- Fil-Galizja tal-Punent (FU 26-27);
- Fl-Ilmijiet Iberiċi (FU 28-29);

– Fil-Golf ta’ Cádiz (FU 30);

(25) Il-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fis-subżona 9;

(26) Il-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fis-subżona 10;

(27) Il-barbun tat-tbajja’ (*Pleuronectes platessa*) fit-taqsima 7d;

(28) Il-barbun tat-tbajja’ (*Pleuronectes platessa*) fit-taqsima 7e;

(29) Il-pollakkju (*Pollachius pollachius*) fis-subżona 7;

(30) Il-lingwata komuni (*Solea solea*) fis-subżona 5, fit-taqsima 6b u fis-subżoni 12 u 14;

(31) Il-lingwata komuni (*Solea solea*) fit-taqsimiet 7b u 7c;

(32) Il-lingwata komuni (*Solea solea*) fit-taqsima 7d;

(33) Il-lingwata komuni (*Solea solea*) fit-taqsima 7e;

(34) Il-lingwata komuni (*Solea solea*) fit-taqsimiet 7f u 7g;

(35) Il-lingwata komuni (*Solea solea*) fit-taqsimiet 7h, 7j u 7k;

(36) Il-lingwata komuni (*Solea solea*) fit-taqsimiet 8a u 8b;

(37) Il-lingwata komuni (*Solea solea*) fit-taqsimiet 8c u 9a;

Meta l-parir xjentifiku juri bidla fid-distribuzzjoni ġeografika tal-istokkijiet elenkati fl-ewwel sottoparagrafu ta’ dan il-paragrafu, il-Kummissjoni tista’ tadotta l-atti delegati skont l-Artikolu 15 li jemendaw dan ir-Regolament billi jaġġustaw iż-żoni speċifikati hawn fuq biex dawn jiġu jirriflettu l-bidla. Dawn l-aġġustamenti ma għandhomx ikabbru ż-żoni tal-istokkijiet ’il barra mill-Ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 4 sa 10, u miż-żoni tas-CECAF 34.1.1., 34.1.2, u 34.2.0.

2. Meta, abbażi tal-parir xjentifiku, il-Kummissjoni tkun tal-fehma li l-lista tal-istokkijiet stabbiliti fl-ewwel sottoparagrafu tal-paragrafu 1 jeħtieġ li tiġi emendata, il-Kummissjoni tista’ tippreżenta proposta biex dik il-lista tiġi emendata.

3. Fir-rigward tal-ilmijiet tal-madwar koperti fil-pargrafu 1 ta’ dan l-Artikolu, japplikaw biss l-Artikoli 4 u 6 u l-miżuri b’rabta mal-opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikolu 7 ta’ dan ir-Regolament.

4. Dan ir-Regolament japplika wkoll għall-qabdiet inċidentali li jinqabdu fl-Ilmijiet tal-Punent waqt is-sajd tal-istokkijiet elenkati fil-paragrafu 1. Iżda fejn il-meded tal-$F_{MSY}$ u s-salvagwardji marbutin mal-bijomassa għal dawk l-istokkijiet ikunu stabbiliti f’atti legali oħrajn tal-Unjoni li jistabbilixxu l-pjanijiet pluriennali, japplikaw dawk il-meded u s-salvagwardji.

5. Dan ir-Regolament jispeċifika wkoll id-dettalji għall-implimentazzjoni tal-obbligu ta’ ħatt l-art fil-partijiet tal-Unjoni tal-Ilmijiet tal-Punent fir-rigward tal-istokkijiet kollha ta’ dawk l-ispeċijiet li japplika għalihom l-obbligu ta’ ħatt l-art skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

6. Dan ir-Regolament jipprevedi miżuri tekniċi, kif stabbilit fl-Artikolu 8, li japplikaw fl-Ilmijiet tal-Punent għal kwalunkwe stokk.

*Artikolu 2*

*Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin flimkien ma' dawk stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 u fl-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98:

(1) "L-Ilmijiet tal-Punent" tfisser l-Ilmijiet tal-Majjistral (is-subżoni tal-ICES 5 (minbarra l-5a, u tal-5b l-ilmijiet tal-Unjoni biss), 6 u 7) u l-Ilmijiet tal-Lbiċ (is-subżoni tal-ICES 8, 9, u 10 (l-ilmijiet madwar l-Azores), u ż-żoni tas-CECAF 34.1.1, 34.1.2 u 34.2.0 (l-ilmijiet madwar il-Madeira u l-Gżejjer tal-Kanarja));

(2) "Il-medda tal-FMSY" tfisser medda ta' valuri li jingħataw fl-aħjar parir xjentifiku disponibbli, b'mod partikolari dak tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES), li fiha l-livelli kollha tal-mortalità mis-sajd jagħtu r-rendiment massimu sostenibbli (MSY) fuq żmien twil ibbażat fuq mudell tas-sajd eżistenti u f'kundizzjonijiet ambjentali medji, mingħajr ma taffettwa b'xi mod sinifikanti l-proċess tar-riproduzzjoni tal-istokk ikkonċernat. Hija dderivata biex tagħti mhux aktar minn tnaqqis ta' 5 % rendiment fuq tul ta' żmien imqabbel mar-rendiment massimu sostenibbli. Din għandha limitu massimu biex il-probabbiltà li l-istokk jinżel għal inqas mill-punt ta' referenza tal-bijomassa riproduttiva tal-istokk (Blim) ma tkunx iktar minn 5 %.

(3) "MSY $F_{lower}$" tfisser l-iżgħar valur fil-medda ta' $F_{MSY}$;

(4) "MSY $F_{upper}$" tfisser l-ogħla valur fil-medda tal-$F_{MSY}$;

(5) "Il-punt ta' valur tal-$F_{MSY}$" huwa l-valur tal-mortalità mis-sajd stmat li b'mudell tas-sajd partikolari u bil-kundizzjonijiet ambjentali attwali jagħti r-rendiment massimu fuq terminu ta' żmien twil.

(6) "L-aktar medda baxxa tal-FMSY" tfisser medda ta' valuri li fiha l-valuri minn MSY $F_{lower}$ sal-punt ta' valur tal-$F_{MSY}$.

(7) "L-ogħla medda tal-FMSY" tfisser medda ta' valuri li fiha l-valuri mill-punt ta' valur tal-$F_{MSY}$ sal-MSY $F_{upper;}$

(8) "Blim" tfisser id-daqs tal-punt ta' referenza tal-istokk li jingħata fl-aħjar parir xjentifiku disponibbli, b'mod partikolari dak tal-ICES, li taħtu tista' titnaqqas il-kapaċità riproduttiva;

(9) "MSY Btrigger" tfisser il-bijomassa riproduttiva tal-istokk, jew, fil-każ tal-iskampu - il-punt ta' referenza tal-abbundanza, li jingħata fl-aħjar parir xjentifiku disponibbli, b'mod partikolari dak tal-ICES, li taħtu għandha tittieħed azzjoni ta' ġestjoni speċifika u xierqa biex jiġi żgurat li r-rati tal-isfruttament flimkien mal-varjazzjonijiet naturali jirripristinaw l-istokkijiet 'il fuq mil-livelli li jkunu kapaċi jipproduċu l-MSY fuq terminu ta' żmien twil.

# KAPITOLU II
# GĦANIJIET

*Artikolu 3*
*Għanijiet*

1. Il-pjan għandu jgħin biex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika komuni tas-sajd elenkati fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, b'mod partikolari billi jintuża approċċ ta' prekawzjoni għall-ġestjoni tas-sajd, u għandu jimmira li jiżgura li l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar jirripristina l-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet li jinstadu u jżommhom 'il fuq mil-livelli li jistgħu jipproduċu l-MSY.

2. Il-pjan għandu jikkontribwixxi għall-eliminazzjoni tal-iskartar tal-ħut billi kemm jista' jkun jevita u jnaqqas il-qabdiet inċidentali, u jgħin fl-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art stabbilit fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 rigward l-ispeċijiet li huma soġġetti għal-limiti tal-qbid u li japplika għalihom dan ir-Regolament.

3. Il-pjan għandu jimplimenta metodu ta' ġestjoni tas-sajd li jkun ibbażat fuq l-ekosistema biex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-impatti negattivi tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistema tal-baħar. Għandu jkun jaqbel mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, b'mod partikolari bl-għan li jikseb status ambjentali tajjeb sal-2020, kif stabbilit fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2008/56/KE u fl-għanijiet stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva 2009/147/KE u fl-Artikoli 6 u 12 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE.

4. B'mod partikolari, il-pjan għandu jkollu l-għan li:

   (a) jiżgura li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet deskritti fid-deskrittur 3 fl-Anness I tad-Direttiva 2008/56/KE; kif ukoll

   (b) jikkontribwixxi li jinkisbu deskritturi oħrajn rilevanti li jinsabu fl-Anness I tad-Direttiva 2008/56/KE bi proporzjon mal-parti li għandu s-sajd fil-kisba tagħhom.

5. Il-miżuri taħt il-pjan jittieħdu bi qbil mal-aħjar parir xjentifiku disponibbli. Fejn ma hemmx biżżejjed dejta, għandu jkun hemm livell komparabbli ta' konservazzjoni għall-istokkijiet rilevanti.

# KAPITOLU III
# MIRI

*Artikolu 4*
*Miri*

1. Il-mortalità mis-sajd fil-mira bi qbil mal-meded tal-$F_{MSY}$ iddefiniti fl-Artikolu 2 għandha tinkiseb kemm jista' jkun malajr, u fuq bażi progressivament inkrementali sal-2020 rigward l-istokkijiet elenkati fl-Artikolu 1(1), u minn dik is-sena 'l quddiem għandha tinżamm fil-meded tal-$F_{MSY}$ bi qbil ma' dan l-Artikolu.

2. Dawk il-meded tal-$F_{MSY}$ ibbażati fuq dan il-Pjan għandhom jintalbu mingħand l-ICES.

3. Bi qbil mal-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, meta l-Kunsill jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għal stokk partikolari, għandu jistabbilixxi dawk l-opportunitajiet fil-medda l-iktar baxxa tal-$F_{MSY}$ disponibbli f'dak iż-żmien għal dak l-istokk.

4. Minkejja dak li jinsab fil-paragrafi 1 u 3, l-opportunitajiet tas-sajd jistgħu jiġu ffissati f'livelli li huma aktar baxxi mill-meded tal-$F_{MSY}$.

5. Minkejja dak li jinsab fil-paragrafi 3 u 4, l-opportunitajiet tas-sajd għal stokk jistgħu jiġu ffissati skont l-ogħla medda tal-$F_{MSY}$ disponibbli f'dak iż-żmien għal dak l-istokk, dejjem jekk l-istokk imsemmi fl-Artikolu 1(1) ikun ikbar mill MSY $B_{trigger}$:

(a) jekk, abbażi tal-parir jew tal-evidenza xjentifiċi jkun meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 fil-każ tas-sajd imħallat;

(b) jekk, abbażi tal-parir xjentifiku jew tal-evidenza xjentifika, ikun meħtieġ biex tiġi evitata ħsara serja għal stokk ikkawżat minn dinamiċi fl-istokk ta' speċi waħda jew mid-dinamiċi fl-istokk bejn speċijiet differenti; jew

(c) biex ikun hemm limitazzjoni fil-varjazzjonijiet fl-opportunitajiet tas-sajd għal mhux inqas minn 20 % minn sena għal sena konsekuttivi.

6. Fi kwalunkwe każ, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu ffissati b'mod li jiżgura probabbiltà ta' inqas minn 5 % li l-bijomassa riproduttiva ta' stokk jinżel inqas mill-punt ta' referenza ta' limitu għall-bijomassa riproduttiva tal-istokk ($B_{lim}$).

*Artikolu 5*

*Il-ġestjoni tal-istokkijiet tal-qabdiet aċċessorji*

1. Għandhom jiġu stabbiliti miżuri ta' ġestjoni tal-istokkijiet imsemmija fl-Artikolu 1(4), anki meta l-opportunitajiet tas-sajd jiġu ffissati skont l-aħjar parir xjentifiku disponibbli, u għandhom ikunu bi qbil mal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3.

2. Dawk l-istokkijiet għandhom jiġu ġestiti skont l-approċċ ta' prekawzjoni għall-ġestjoni tas-sajd kif iddefinit fil-punt 8 tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 meta ma jkunx hemm biżżejjed informazzjoni xjentifika.

3. Bi qbil mal-Artikolu 9(5) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-ġestjoni tas-sajd imħallat għall-istokkijiet imsemmija fl-Artikolu 1(4) ta' dan ir-Regolament għandha tqis id-diffikultà biex jinstadu l-istokkijiet kollha fil-livell MSY fl-istess ħin, speċjalment f'sitwazzjonijiet meta dan iwassal għall-għeluq qabel il-waqt tas-sajd.

# KAPITOLU IV

# SALVAGWARDJI

*Artikolu 6*

*Punti ta' referenza għall-konservazzjoni*

Il-punti ta' referenza għall-konservazzjoni għas-salvagwardja tal-kapaċità kollha riproduttiva tal-istokkijiet imsemmijin fl-Artikolu 1(1) li ġejjin se jintalbu mingħand l-ICES skont dan il-Pjan:

(a) L-MSY $B_{trigger}$ għall-istokkijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1);

(b) $B_{lim}$ għall-istokkijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1).

*Artikolu 7*

*Salvagwardji*

1. Meta l-parir xjentifiku jindika li għal sena partikolari l-bijomassa riproduttiva, u fil-każ tal-istokkijiet tal-iskampu - l-abbundanza, ta' xi wħud mill-istokkijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) tkun inqas mil-livell tal-MSY $B_{trigger}$, għandhom jiġu adottati l-miżuri ta' rimedju kollha biex jiżguraw ir-ripristinament malajr tal-istokk jew tal-unità funzjonali kkonċernata għal-livelli ogħla minn dawk li huma kapaċi jipproduċu l-MSY. B'mod partikolari, permezz ta' deroga mill-Artikolu 4(3) u (5), l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu ffissati f'livelli li jkunu konsistenti ma' mortalità mis-sajd li tkun tnaqqset aktar mill-ogħla medda tal-FMSY, meta jitqies it-tnaqqis fil-bijomassa.

2. Meta l-parir xjentifiku jindika li l-bijomassa riproduttiva tal-istokk, u fil-każ tal-istokkijiet tal-iskampu - l-abbundanza, ta' xi wħud mill-istokkijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) tkun inqas mil-livell $B_{lim}$, għandhom jittieħdu aktar miżuri ta' rimedju biex jiżguraw ir-ripristinament malajr tal-istokk jew tal-unità funzjonali kkonċernata għal-livelli ogħla minn dawk li huma kapaċi jipproduċu l-MSY. B'mod partikolari, dawk il-miżuri ta' rimedju jistgħu jinkludu, permezz ta' deroga mill-Artikolu 4(3) u (5), is-sospenzjoni tas-sajd fil-mira għall-istokk jew għall-unità funzjonali kkonċernati u t-tnaqqis xieraq tal-opportunitajiet tas-sajd.

3. Il-miżuri ta' rimedju msemmija f'dan l-Artikolu jistgħu jinkludu:

   (a) miżuri ta' emerġenza skont l-Artikoli 12 u 13 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

   (b) miżuri skont l-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament.

4. L-għażla tal-miżuri msemmijin f'dan l-Artikolu għandha ssir skont in-natura, is-serjetà, it-tul fiż-żmien u kemm tirrepeti ruħha s-sitwazzjoni li fiha l-bijomassa riproduttiva tal-istokk, u fil-każ tal-istokkijiet tal-iskampu l-abbundanza, ikunu inqas mil-livelli msemmijin fl-Artikolu 6.

# KAPITOLU V

# MIŻURI TEKNIĊI

*Artikolu 8*
*Miżuri tekniċi*

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta l-atti delegati bi qbil mal-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament u mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 biex tissupplimenta lil dan ir-Regolament fejn għandu x'jaqsam mal-miżuri tekniċi li ġejjin:

   (a) l-ispeċifikazzjonijiet tal-karatteristiki tal-irkapti tas-sajd u tar-regoli għall-użu tagħhom biex tiġi żgurata jew titjieb is-selettività, jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali jew jitnaqqas kemm jista' jkun l-impatt negattiv fuq l-ekosistema;

   (b) l-ispeċifikazzjonijiet ta' modifiki jew apparat addizzjonali mal-irkapti tas-sajd biex tiġi żgurata jew titjieb is-selettività, jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali jew jiġi jitnaqqas kemm jista' jkun l-impatt negattiv fuq l-ekosistema;

   (c) limitazzjonijiet jew projbizzjonijiet fuq l-użu ta' ċerti rkapti tas-sajd u fuq l-attivitajiet tas-sajd f'ċerti żoni jew perjodi biex jipproteġu l-ħut li jbid, il-ħut li jkun iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni jew il-ħut ta' speċijiet li ma jkunux fil-mira, jew biex jitnaqqas kemm jista' jkun l-impatt negattiv fuq l-ekosistema; kif ukoll

   (d) l-iffissar ta' daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni għal kull stokk li japplika għalih dan ir-Regolament, biex tkun żgurata l-protezzjoni tal-ħut żgħir tal-organiżmi tal-baħar.

2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet stipulati fl-Artikolu 3.

# KAPITOLU VI
# L-OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD

*Artikolu 9*
*Opportunitajiet tas-sajd*

1. Huma u jallokaw l-opportunitajiet tas-sajd li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-Istati Membri għandhom iqisu l-kompożizzjoni probabbli tal-qbid tal-bastimenti tas-sajd li jieħdu sehem fis-sajd imħallat.

2. Wara li jinnotifikaw lill-Kummissjoni, l-Istati Membri jistgħu jiskambjaw l-opportunitajiet tas-sajd kollha allokati lilhom, jew parti minnhom, skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7, il-qabda totali permissibbli għall-istokkijiet tal-iskampu fl-Ilmijiet tal-Punent tista' tkun is-somma tal-limiti tal-qbid tal-unitajiet funzjonali u s-somma tal-limiti tal-qbid tar-rettangoli statistiċi 'l barra mill-unitajiet funzjonali.

4. Meta l-parir xjentifiku jindika li s-sajd rikreattiv ikollu impatt sinifikanti fuq il-mortalità mis-sajd ta' xi stokk partikolari, il-Kunsill dan għandu jqisu u jista' jillimita s-sajd rikreattiv meta jkun qed jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd biex jevita li tinqabeż il-mira totali tal-mortalità mis-sajd.

# KAPITOLU VII
# DISPOŻIZZJONIJIET B'RABTA MAL-OBBLIGU TA' ĦATT L-ART

*Artikolu 10*

*Dispożizzjonijiet b'rabta mal-obbligu ta' ħatt l-art fl-Ilmijiet tal-Unjoni tal-Ilmijiet tal-Punent*

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta l-atti delegati skont l-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament u skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għall-istokkijiet kollha tal-ispeċijiet fl-Ilmijiet tal-Punent li japplika għalihom l-obbligu ta' ħatt l-art skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 1380/2013, biex tissupplimenta lil dan ir-Regolament billi tispeċifika d-dettalji ta' dak l-obbligu kif previst fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 15(5) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

# KAPITOLU VIII
# L-AĊĊESS GĦALL-ILMIJIET U GĦAR-RIŻORSI

*Artikolu 11*

*L-awtorizzazzjonijiet għas-sajd u l-livelli limitu tal-kapaċitajiet*

1. Għal kull waħda miż-żoni tal-ICES imsemmija fl-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament, kull Stat Membru għandu joħroġ l-awtorizzazzjonijiet għas-sajd skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 għall-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu li jistadu f'dik iż-żona. F'dawn l-awtorizzazzjonijiet għas-sajd, l-Istati Membri jistgħu wkoll jillimitaw il-kapaċità totali espressa f'kW ta' dawn il-bastimenti li jużaw irkaptu speċifiku.
2. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi u jżomm lista ta' bastimenti li jkollhom l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd imsemmijin fil-paragrafu 1 u jagħmilha disponibbli fuq is-sit web uffiċjali tiegħu lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħra.

# KAPITOLU IX
# IL-ĠESTJONI TA' STOKKIJIET TA' INTERESS KOMUNI

*Artikolu 12*

*Il-prinċipji u l-għanijiet tal-ġestjoni ta' stokkijiet ta' interess komuni għall-Unjoni u għal pajjiżi terzi*

1. Meta stokkijiet ta' interess komuni jkunu qed jiġu sfruttati minn pajjiżi terzi wkoll, l-Unjoni għandha tikkomunika ma' dawk il-pajjiżi terzi biex tiżgura li dawn l-istokkijiet jiġu ġestiti b'mod sostenibbli li jkun konsistenti mal-għanijiet ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2) tiegħu. Meta ma jintlaħaqx ftehim formali l-Unjoni għandha tagħmel kull sforz biex tikseb arranġamenti

komuni għas-sajd ta' dawn l-istokkijiet bil-għan li jinkiseb stat ta' ġestjoni sostenibbli, u b'hekk ikun hemm kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi tal-Unjoni.

2. Fil-kuntest tal-ġestjoni ta' stokkijiet kondiviża ma' pajjiżi terzi, l-Unjoni tista' tiskambja l-opportunitajiet tas-sajd ma' pajjiżi terzi skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

# KAPITOLU X

# IR-REĠJONALIZZAZZJONI

*Artikolu 13*

*Il-kooperazzjoni reġjonali*

1. L-Artikolu 18(1) sa (6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandu japplika għall-miżuri msemmija fl-Artikoli 8 u 10 ta' dan ir-Regolament.

2. Għall-għan tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri li jkollhom interess ta' ġestjoni dirett fl-Ilmijiet tal-Majjistral u l-Istati Membri li jkollhom interess ta' ġestjoni dirett fl-Ilmijiet tal-Lbiċ jistgħu jippreżentaw ir-rakkomandazzjonijiet konġunti skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għall-ewwel darba mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u minn hemm 'il quddiem tnax-il xahar wara kull preżentazzjoni tal-evalwazzjoni tal-pjan skont l-Artikolu 14. Huma jistgħu wkoll jissottomettu tali rakkomandazzjonijiet meta jqisu li jkunu meħtieġa, b'mod partikolari fil-każ ta' tibdil f'daqqa fis-sitwazzjoni għal kwalunkwe wieħed mill-istokkijiet li għalihom japplika dan ir-Regolament. Ir-rakkomandazzjonijiet konġunti fir-rigward tal-miżuri li jikkonċernaw sena kalendarja partikolari għandhom jiġu sottomessi sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju tas-sena preċedenti.

3 Is-setgħat mogħtija skont l-Artikoli 8 u 10 ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għas-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni skont dispożizzjonijiet oħrajn tal-liġi tal-Unjoni, fosthom skont ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

# KAPITOLU XI
# L-EVALWAZZJONI U D-DISPOŻIZZJONIJIET PROĊEDURALI

*Artikolu 14*

*L-evalwazzjoni tal-pjan*

Sal-[*ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*], u wara dan, kull ħames snin, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati u l-impatt tal-pjan fuq l-istokkijiet li għalihom japplika dan ir-Regolament, u dwar is-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, b'mod partikolari dwar il-kisba tal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3.

*Artikolu 15*
*L-eżerċizzju tad-delega*

1. Is-setgħa li tadotta l-atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 1(1), 8 u 10 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar id-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tittawwal b'mod taċitu għal perjodi tal-istess tul, dejjem jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux din l-estenzjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 1(1), 8 u 10 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha sseħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. Ma għandha taffettwa l-validità ta' ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti magħżulin ta' kull Stat Membri, bi qbil mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar It-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[28].

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikaha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill simultanjament.

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 1(1), 8 u 10 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkunx saret oġġezzjoni mingħand il-Parlament Ewropew jew mingħand il-Kunsill qabel ma jintemm perjodu ta' xahrejn wara li tkun saret in-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jew jekk, qabel tmiem dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex biħsiebhom joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jittawwal b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

# KAPITOLU XII
# APPOĠĠ MILL-FOND EWROPEW GĦALL-AFFARIJIET MARITTIMI U S-SAJD

*Artikolu 16*
*Appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

Il-miżuri ta' waqfien temporanju adottati biex jinkisbu l-għanijiet tal-pjan għandhom jitqiesu bħala waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd għall-finijiet tal-punti (a) u (c) tal-Artikolu 33(1) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014.

[28] Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

# KAPITOLU XIII
# EMENDA TAR-REGOLAMENT (UE) 2016/1139

*Artikolu 17*
*Emenda tar-Regolament (UE) 2016/1139*

Ir-Regolament (UE) 2016/1139 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 2 jinbidel b'dan l-Artikolu li ġej:

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 2187/2005. Barra minn hekk japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "stokkijiet pelaġiċi" tfisser l-istokkijiet elenkati fil-punti (c) sa (h) tal-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament u kull kombinazzjoni tagħhom;

(2) "Il-medda tal-FMSY" tfisser medda ta' valuri li jingħataw fl-aħjar parir xjentifiku disponibbli, b'mod partikolari dak tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES), li fiha l-livelli kollha tal-mortalità mis-sajd jagħtu r-rendiment massimu sostenibbli (MSY) fuq żmien twil ibbażat fuq mudell tas-sajd eżistenti u f'kundizzjonijiet ambjentali medji, mingħajr ma taffettwa b'xi mod sinifikanti l-proċess tar-riproduzzjoni tal-istokk ikkonċernat. Hija dderivata biex tagħti mhux aktar minn tnaqqis ta' 5 % rendiment fuq tul ta' żmien imqabbel mar-rendiment massimu sostenibbli. Din għandha limitu massimu biex il-probabbiltà li l-istokk jinżel għal inqas mill-punt ta' referenza tal-bijomassa riproduttiva tal-istokk (Blim) ma tkunx iktar minn 5 %.

(3) "MSY Flower" tfisser l-iżgħar valur fil-medda tal-FMSY;

(4) "MSY Fupper" tfisser l-ogħla valur fil-medda tal-FMSY;

(5) "Il-punt ta' valur tal-FMSY" huwa l-valur tal-mortalità mis-sajd stmat li b'mudell tas-sajd partikolari u bil-kundizzjonijiet ambjentali attwali jagħti r-rendiment massimu fuq terminu ta' żmien twil;

(6) "L-aktar medda baxxa tal-FMSY" tfisser medda ta' valuri li fiha l-valuri minn MSY Flower sal-punt ta' valur tal-FMSY;

(7) "L-ogħla medda tal-FMSY" tfisser medda ta' valuri li fiha l-valuri mill-punt ta' valur tal-FMSY sal-MSY Fupper;

(8) "Blim" tfisser id-daqs tal-punt ta' referenza tal-istokk li jingħata fl-aħjar parir xjentifiku disponibbli, b'mod partikolari dak tal-ICES, li taħtu tista' titnaqqas il-kapaċità riproduttiva;

(9) "MSY Btrigger" tfisser il-punt ta' referenza tal-bijomassa riproduttiva tal-istokk li jingħata fl-aħjar parir xjentifiku disponibbli, b'mod partikolari dak tal-ICES, li taħtu għandha tittieħed azzjoni ta' ġestjoni speċifika u xierqa biex jiġi żgurat li r-rati tal-isfruttament flimkien mal-varjazzjonijiet naturali jirripristinaw l-istokkijiet 'il fuq mil-livelli li jkunu kapaċi jipproduċu l-MSY fuq terminu ta' żmien twil;

(10) "L-Istati Membri kkonċernati" tfisser l-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett, jiġifieri d-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Finlandja u l-Iżvezja."

2. L-Artikolu 4 jinbidel b’dan l-Artikolu li ġej:

*“Artikolu 4*
*Miri*

1. Il-mortalità mis-sajd fil-mira bi qbil mal-meded tal-$F_{MSY}$ iddefiniti fl-Artikolu 2 għandha tinkiseb kemm jista’ jkun malajr, u fuq bażi progressivament inkrementali sal-2020 rigward l-istokkijiet elenkati fl-Artikolu 1(1), u minn dik is-sena ’l quddiem għandha tinżamm fil-meded tal-$F_{MSY}$ bi qbil ma’ dan l-Artikolu.

2. Dawk il-meded tal-$F_{MSY}$ ibbażati fuq dan il-Pjan għandhom jintalbu mingħand l-ICES.

3. Bi qbil mal-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, meta l-Kunsill jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għal stokk partikolari, għandu jistabbilixxi dawk l-opportunitajiet fil-medda l-iktar baxxa tal-$F_{MSY}$ disponibbli f’dak iż-żmien għal dak l-istokk.

4. Minkejja dak li jinsab fil-paragrafi 1 u 3, l-opportunitajiet tas-sajd jistgħu jiġu ffissati f’livelli li huma aktar baxxi mill-meded tal-$F_{MSY}$.

5. Minkejja dak li jinsab fil-paragrafi 3 u 4, l-opportunitajiet tas-sajd għal stokk jistgħu jiġu ffissati skont l-ogħla medda tal-$F_{MSY}$ disponibbli f’dak iż-żmien għal dak l-istokk, dejjem jekk l-istokk imsemmi fl-Artikolu 1(1) ikun ikbar mill MSY $B_{trigger}$:

(a) jekk, abbażi tal-parir jew tal-evidenza xjentifiċi jkun meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 fil-każ tas-sajd imħallat;

(b) jekk, abbażi tal-parir xjentifiku jew tal-evidenza xjentifika jkun meħtieġ biex tiġi evitata ħsara serja għal stokk ikkawżat minn dinamiċi fl-istokk ta’ speċi waħda jew tad-dinamiċi fl-istokk bejn speċijiet differenti; jew

(c) biex ikun hemm limitazzjoni fil-varjazzjonijiet fl-opportunitajiet tas-sajd għal mhux inqas minn 20 % minn sena għal sena konsekuttivi.

6. Fi kwalunkwe każ, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu ffissati b’mod li jiżgura probabbiltà ta’ inqas minn 5 % li l-bijomassa riproduttiva ta’ stokk jinżel inqas mill-punt ta’ referenza ta’ limitu għall-bijomassa riproduttiva tal-istokk ($B_{lim}$).”

3. Fil-Kapitolu III jiddaħħal l-Artikolu li ġej wara l-Artikolu 4:

*“Artikolu 4a*
*Punti ta’ referenza għall-konservazzjoni*

Il-punti ta’ referenza għall-konservazzjoni għas-salvagwardja tal-kapaċità kollha riproduttiva tal-istokkijiet imsemmijin fl-Artikolu 1(1) li ġejjin se jintalbu mingħand l-ICES skont dan il-Pjan:

(a) L-MSY $B_{trigger}$ għall-istokkijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1);

(b) Il-$B_{lim}$ għall-istokkijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1).”

4. L-Artikolu 5 jinbidel b’dan li ġej:

*"Artikolu 5*
*Salvagwardji*

1. Meta l-parir xjentifiku jindika li għal sena partikolari l-bijomassa riproduttiva ta' xi wħud mill-istokkijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) tkun inqas mil-livell tal-MSY $B_{trigger}$, għandhom jiġu adottati l-miżuri ta' rimedju kollha biex jiżguraw ir-ripristinament malajr tal-istokk ikkonċernat għal livelli ogħla minn dawk li huma kapaċi jipproduċu l-MSY. B'mod partikolari, permezz ta' deroga mill-Artikolu 4(3) u (5), l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu ffissati f'livelli li jkunu konsistenti ma' mortalità mis-sajd li tkun tnaqqset aktar mill-ogħla medda tal-$F_{MSY}$, meta jitqies it-tnaqqis fil-bijomassa.

2. Meta l-parir xjentifiku jindika li l-bijomassa riproduttiva tal-istokk ta' xi wħud mill-istokkijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) tkun inqas mil-livell $B_{lim}$, għandhom jittieħdu aktar miżuri ta' rimedju biex jiżguraw ir-ripristinament malajr tal-istokk ikkonċernat għal livelli ogħla minn dawk li huma kapaċi jipproduċu l-MSY. B'mod partikolari, dawk il-miżuri ta' rimedju jistgħu jinkludu, permezz ta' deroga mill-Artikolu 4(3) u (5), is-sospenzjoni tas-sajd fil-mira għall-istokk ikkonċernat u t-tnaqqis xieraq tal-opportunitajiet tas-sajd.

3. Il-miżuri ta' rimedju msemmija f'dan l-Artikolu jistgħu jinkludu:

   (a) miżuri ta' emerġenza skont l-Artikoli 12 u 13 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

   (b) miżuri skont l-Artikoli 7 u 8 ta' dan ir-Regolament.

4. L-għażla tal-miżuri msemmijin f'dan l-Artikolu għandha ssir skont in-natura, is-serjetà, it-tul fiż-żmien u kemm tirrepeti ruħha s-sitwazzjoni li fiha l-bijomassa riproduttiva tal-istokk tkun inqas mil-livelli msemmijin fl-Artikolu 4a."

5. Tħassru l-Annessi I u II.

# KAPITOLU XIV
# DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 18*
*Tħassir*

1. Tħassru r-Regolamenti li ġejjin:

   a) ir-Regolament (KE) Nru 811/2004;

   b) ir-Regolament (KE) Nru 2166/2005;

   c) ir-Regolament (KE) Nru 388/2006;

   d) ir-Regolament (KE) Nru 509/2007;

   e) ir-Regolament (KE) Nru 1300/2008.

2. Ir-referenzi li jsiru għal dawn ir-Regolamenti mħassra għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 19*
*Id-dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*